A.L. 264 ta' l-2006

ATT DWAR IL-MEDIĊINI
(KAP. 458)

Regolamenti ta' l-2006 dwar Proċeduri Speċjali (Penalitajiet fl-Att dwar il-Mediċini)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 106 ta' l-Att dwar il-Mediċini, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 dwar Proċeduri Speċjali (Penalitajiet fl-Att dwar il-Mediċini).

Penalitajiet.

2. L-Awtorità dwar il-Liċenzjar tista' titlob dawn il-penalitajiet li ġejjin għall-ksur ta' xi wieħed minn dawn l-artikoli li ġejjin ta' l-Att dwar il-Mediċini:

(a) artikoli 20, 24, 28, 37, 39, 41 u 43 ..... Lm10,000

(b) artikoli 54, 56, 58 u 61 ..... Lm5,000

(ċ) artikoli 44, 45, 66(1), 71, 75(3), 75 (4), 76(1), 81(1), 91 u 98 .....Lm4,000

(d) artikoli 59, 60, 65, 74(b), 75(1), 75(2), 84, 93, 94(1) u 96 .....Lm3,000

(e) artikoli 31, 78, 85(1), 85(2) u 94(2)..... Lm2,000

(f) artikoli 73(1) u 94(3) Lm1,000